# Id-Dejma fis-Seklu Tmintax: Il-Kumpanija tal-Gudja

**L-għanijiet tad-Dejma**

Żgur li kulħadd qara dwar id-Dejma, jew milizja, ta' Malta fiż-Żmenijiet tan-Nofs u fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Malta, gżira żgħira u miftuħa għall-attakki ta' l-għedewwa, kellha bżonn sistema ta' difiża kontinwa. Terġa' Malta ma setgħetx tidħol għall-piż li tħallas numru kbir ta' suldati kontinwament biex joqogħdu jistennew għalli jista' jinqala'. Is-soluzzjoni kienet id-Dejma. L-irġiel minn sittax-il sena 'l fuq kienu obbligati jagħtu żewġ xorta ta' servizzi: l-ewwel li jgħassu max-xtut meta jmisshom, għax l-għadu kien jattakka għal għarrieda; it-tieni li jiddefendu 'l arthom jekk l-għedewwa jinżlu l-art. Dan kien jitlob preparazzjoni għal diversi eventwalitajiet. Hekk, per eżempju, attakk żgħir kienu jieħdu ħsiebu n-nies tar-raħal l-aktar qrib. Jekk dawn ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' l-għadu, kellhom jibagħtu għall-għajnuna mill-irħula qrib tagħhom. Fil-każ ta' attakk veru qawwi, ngħidu aħna invażjoni, ir-riġmenti kollha kienu jiġu mobilizzati u kulħadd kien jaf fejn għandu jiltaqa' ma' sħabu u fejn għandu jmur. Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann it-tmexxija kienet f'idejn il-kavallieri li kienu jorganizzaw u jdaħħlu tibdil kif kien ikun hemm bżonn. Ir-riġmenti tal-kampanja kollha kienu jaqgħu taħt il-kmand ta' kavallier ta' grad għoli msejjaħ is-Seneskalku.

Fl-1738 id-Dejma kienet maqsuma f'diversi riġmenti.[1] Kien hemm il-kumpaniji ta' l-ibliet u r-riġmenti tal-kampanja. Dawk tal-kampanja kienu Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, Birkirkara, Naxxar, Żejtun u Ħal Luqa. Dan ta' l-aħħar kien jiġbor fih il-kumpaniji ta' sebat irħula: Gudja, Ħal Luqa, Żurrieq, Safi, Mqabba, Qrendi u Ħal Kirkop.

Dan ir-riġment kien jikkonsisti f'kurunell, tenent kurunell, maġġur u ajjutant tal-maġġur. Taħt dawn l-uffiċjali għolja kien hemm tmienja u sebgħin uffiċjal ieħor, jiġifieri sitt kaptani, tnax-il sotto tenent, tnax-il surġent, tnax-il sotto surġent, u sitta u tletin kapural. Is-suldati kienu sitt mija u ħamsin.[2]

Fl-1750 insibu li l-kumpanija tal-Gudja kienet ir-raba' waħda fir-riġment ta' Ħal Luqa. Kellha sotto tenent lil Giuseppe Barbara, surġent Salvatore Caruana, surġent Giuseppe Bonnici, sotto surġent Andrea Camisuli u tliet kapurali. Fil-lista tas-suldati nsibu tmenin isem, iżda n-noti miżjuda juru li xi wħud mietu wara li saret il-lista, oħrajn marru mal-flotta jew kellhom xi kariga oħra ma' l-Ordni, ngħidu aħna mal-Marixxall jew mal-Falkonier. Oħrajn kienu eżentati kawża ta' mard.[3] Kien ikun fiha wkoll erba' 'sottotenenti' u żewġ 'tamburi'.[4] Nota mill-kurunell ta' Ħal Luqa tgħid illi dawk li kienu l-inqas anzjani kellhom l-inqas paga, u li din ir-regola kellha tiġi segwita dejjem.[5]

**Id-dmirijiet tas-suldati tad-Dejma**

Id-dmirijiet tas-suldati tad-dejma ma kinux ftit. Nibdew bl-uffiċjali. Kien id-dover tagħhom li jgħallmu lis-suldati kif jimmaniġġaw l-armi sew, jisparaw tajjeb, jirtiraw wara l-ħitan tas-sejjieħ u joħorġu minn warajhom bl-ordni biex jiffaċċjaw l-għadu. Kellhom ukoll jieħdu s-suldati fuq ix-xtut biex jidraw il-postijiet fejn kien ippjanat li jiġu stazzjonati f'każ ta' attakk. Il-kaptani kienu mistennija li jorqdu fl-irħula tagħhom mill-ewwel ta' Marzu sa l-aħħar ta'



*Is-Salib tad-Dejma li qiegħed ħdejn il-knisja ta' Loretu*

Settembru, u li jaraw li l-għases isiru kif imiss. L-għassiesa kienu jiġu spezzjonati regolarment, darba mill-kaptani tagħhom u darba mill-kavallerija ta' l-Ordni li kienu jissejħu "Turkopilieri".[6]

F'xi rħula twaqqfu armeriji fejn kienu jinġabru l-armi ta' l-irħula tal-qrib biex ikunu aktar fiż-żgur u jinżammu f'kundizzjoni tajba. Wieħed mill-fizzjali kien jieħu ħsieb l-armerija u kien ikun hemm ukoll armatur li jieħu ħsieb li l-armi jkunu servibbli f'każ ta' bżonn.[7]

Is-suldati kellhom jieħdu sehem fit-taħriġ imsemmi aktar 'il fuq. Erba' jew tliet darbiet fis-sena kien isir "target practice" u jingħata premju lil min jispara l-aħjar.

Fl-1742 is-Siniskalku ordna li għat-taħriġ kull riġment kellu jinqasam fi tnejn. Hekk waqt li l-kumpanija tal-Gudja flimkien ma' dawk ta' Ħal Luqa, Ħal Kirkop u l-Imqabba kienu jitħarrġu ġo Ħal Luqa, l-oħrajn kienu jitħarrġu fiż-Żurrieq.[8]

L-aktar dmir komuni kien dak ta' l-għassa max-xtut. Kien hemm għassiesa mat-torrijiet matul is-sena kollha. Matul is-seba' xhur bejn l-ewwel ta' Marzu u l-aħħar ta' Settembru kienu jiżdiedu l-għases ma' bnadi oħra tax-xatt. Ta' min jinnota li fix-xitwa t-tbaħħir kien perikoluż ħafna u għalhekk is-sibbien kienu jnaqqsu mill-attività tagħhom. Għall-istess raġuni t-Torok ma kinux se jissograw jibagħtu armata fix-xitwa. Dawn l-għassiesa kienu jitħallsu żewġ skudi jew skud u nofs fix-xahar.

Din ta' l-għassa ma kienet tingħoġob xejn mill-Maltin li naturalment kienu jsibuha bi tqila li jħallu d-djar u l-familji tagħhom biex jgħaddu l-iljieli max-xatt f'xi post diżabitat. Il-Maltin kienu jistkerrhu postijiet ħdejn il-baħar fejn il-periklu li jaqgħu lsiera kien akbar. Tant hu hekk illi rħula u bliet bħal tas-Sliema, Marsaxlokk jew San Pawl il-Baħar kibru wara l-miġja ta' l-Ingliżi meta l-biża' mill-pirati għeb. Biex itaffi dan il-ksir il-għonq il-Gran Mastru ta struzzjonijiet lis-Siniskalku biex jistabbilixxi n-numru ta' għassiesa li kien hemm bżonn. Irridu niftakru li l-popolazzjoni ta' Malta kienet kibret ħafna fi ż-żmien li l-Kavallieri kienu jaħkmuha, u mid-dehra ma kienx għad hemm bżonn illi kull raġel jagħmel l-għassa.

Il-ħlas għall-għassiesa kienu joħorġuh iż-żewġ universitajiet tal-Belt Valletta u ta' l-Imdina. Mela l-Maltin stess kienu jħallsu għall-għassa madwar arthom.

### F'każ ta' attakk qawwi

Dmir ieħor tad-Dejma kien dak li tiddefendi 'l Malta jekk isir xi ħbit qawwi minn armata kbira. F'dan il-każ id-Dejma kienet topera bħala armata u mhux bħala grupp ta' għassiesa. Kull riġment kellu strixxa mill-kosta xi jħares biex jipprojbixxi lill-għadu milli jniżżel is-suldati tiegħu l-art. Naraw kif kienu mqassmin l-irġiel tas-sebat irħula.

Ma' l-ewwel sinjal, li kien tir wieħed ta' kanun, is-suldati ta' dan ir-riġment kellhom jinġabru Ħal Luqa. It-tieni sinjal kien żewġ tiri mill-Belt, tnejn oħra mill-Imdina u d-daqq tal-qniepen fl-irħula. Il-kurunell tar-riġment kellu jibgħat stakkament ta' sebgħa u tletin suldat taħt sotto tenent, surġent, sotto surġent u tliet kapurali lejn San Ġużepp, jiġifieri fejn illum hemm il-Ħamrun. F'San Ġużepp kienu jinġabru stakkamenti mill-irħula kollha u jiffurmaw forza taħt il-kmand tas-Siniskalku, li kien il-Kavallier li jikkmanda d-Dejma kollha. Il-bqija tar-riġment jibda jmarċa lejn Birguma, qrib in-Naxxar. Hemmhekk kien jingħaqad man-nies tan-Naxxar stess, ta' Ħal Qormi u ta' Birkirkara. L-erba' riġmenti kellhom iħejju ruħhom għall-battalja.

Dawk is-suldati li kienu obbligati jżommu żiemel kellhom jinġabru fir-raħal tagħhom ukoll, taħt il-kmand tal-kaptan tar-riġment. Iżda mas-sinjal li jingħata dawn kellhom jerħula lejn il-Belt.

Mat-tielet sinjal, jiġifieri tliet tiri ta' kanun, kull riġment kellu jieħu postu. Mir-riġment ta' Ħal Luqa kellhom jintbagħtu tnejn u erbgħin suldat u sitt fizzjali biex jingħaqdu ma' gruppi mir-riġmenti l-oħra u jiffurmaw forza ta' riżerva qrib in-Naxxar taħt it-tenent ġeneral. Il-bqija kellhom jitqassmu biex iħarsu x-xtut.

Il-kurunell u s-surġent maġġur flimkien ma' 333 bejn suldati u fizzjali kellhom jiddefendu n-naħa ta' San Ġiljan u San Ġorġ. Dawn kienu mqassmin mitejn raġel max-xatt u 133 warajhom bħala riżerva. It-tenent kurunell u l-ajjutant maġġur kellhom jiddefendu l-kosta tal-Madliena, 203 mal-kosta u 113 riżerva. Il-kurunell u t-tenent kurunell kellhom jibqgħu mal-gruppi ta' riżerva, lesti biex imorru fejn ikun meħtieġ. Barra minn hekk kellhom jagħmlu r-ronda u jpoġġu l-għases fejn ikun hemm bżonn.

Il-kurunell u t-tenent kurunell kellhom jieħdu ħsieb li jġibu l-ikel mit-torrijiet. Kellhom ukoll jitkixxfu t-triqat u l-komunikazzjonijiet li kienu jagħtu għall-postijiet ta' l-għassa u wkoll it-triqat ta' warajhom. Dawn it-triqat kellhom jitwittew biex jiffaċilitaw il-mixi tas-suldati f'każ ta' rtirata. L-uffiċjali kellhom jgħollu ħitan baxxi u jippreparaw biex jiddefendu l-postijiet l-aktar aċċessibbli għall-għadu.

Il-kelma tal-Qaddis kienet tinbidel kuljum. Is-Siniskalku kien jgħaddiha lill-ġenerali. Il-kurunelli kienu jibagħtu għall-kelma tal-qaddis flimkien ma' l-ordnijiet għas-sitta ta' fil-għaxija.



Mhux l-irġiel fuq is-sittax-il sena biss kienu nvoluti. Ma' kull riġment kien hemm sitt baqquniera bl-għodda tagħhom biex jiftħu t-toroq u jagħmlu xogħol ieħor neċessarju. Sitt jew tmien bgħula kienu jġorru kulma kien hemm bżonn. Kellu jinġarr ukoll ikel biżżejjed għar-riġment. Il-bejjiegħa kienu ordnati li jsegwu r-riġment tar-raħal tagħhom u joqogħdu qrib il-kamp biex ibigħu dak li jkun hemm bżonn. Saħansitra s-subien bejn it-tnax u s-sittax-il sena kellhom jagħtu sehemhom billi jmorru wara r-riġment u jġorru l-għodda, bħal zappun u baqqun, biex jaħdmu fejn ikun meħtieġ taħt il-kmand ta' l-għassiesa tat-torrijiet. F'każ ta' attakk veru qawwi kulħadd kellu jagħmel il-parti tiegħu. Għaliex kien hemm ħafna gruppi ta' riżerva? Kien hemm forza miġbura mir-riġmenti kollha f'San Ġużepp. Ir-riġmenti li kienu jiltaqgħu n-Naxxar kienu jħallu kumpaniji mal-ġeneral tagħhom. Kull kumpanija li kienet stazzjonata max-xatt kellha oħra iżgħar minnha aktar 'il ġewwa. L-istess ħaġa kienet issir fil-każ tar-riġmenti taż-Żejtun u ta' Ħaż-Żebbuġ li kellhom jiddefendu n-naħa t'isfel ta' Malta. Dan jirrifletti l-vulnerabbilità ta' Malta. L-għadu seta' jagħżel minn bosta postijiet fejn jisbarka tant nies li s-suldati tad-dejma ma kinux jistgħu jirreżistuhom. F'każ bħal dan ma kienx hemm triq oħra ħlief li jidħlu r-riżervi biex l-ebda kumpanija ma tiġi maqtugħa mill-oħrajn waqt li kulħadd jirtira lejn it-trunċieri tan-Naxxar. Fl-aħħar kulħadd kien jinġabar bl-ordni ġo l-ibliet, taħt il-kenn tas-swar. Is-suldati kellhom iħallu l-pożizzjonijiet tagħhom biss jekk ikunu ordnati mill-kmandanti tagħhom. Dak li ma setgħux iġorru magħhom kellu jinqered, itaqqbu l-kanuni, ikissru l-attrezzamenti kollha, u jitfgħu l-ikel u l-munizzjon li jibqa' l-baħar.

Din is-sistema ta' difiża qatt ma ġiet ippruvata. Għalkemm it-Torok heddew li jattakkaw lil Malta, qatt ma għamlu hekk. It-telfa ta' l-Assedju l-Kbir żgur li ma nsewiex. Terġa', waqt li l-qawwa Torka kienet qed tnin, Malta kienet dejjem qed tiġi aktar u aktar iffortifikata. Fis-seklu tmintax, wara l-Kavallieri ta' San Ġwann dejjem kien hemm Franza, l-aqwa pajjiż fil-Mediterran, li kienet mistennija tibgħat għajnuna lil Malta f'każ ta' bżonn.

Ironikament kenet armata Franċiża li nvadiet Malta fl-1798 u keċċiet lill-Kavallieri minn gżiritna. Meta l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi malajr organizzaw irwieħhom għax ma kenitx ħaġa ġdida għalihom li jingħaqdu u kulħadd jagħti sehmu. Iżda l-kanuni tal-Maltin kellhom jiġu mdawra fuq l-ibliet tagħhom stess għax dawn kienu okkupati mill-għadu.

**Paul Farrugia B.A. (Gen) M. A.**

Riferenzi

1 Librerija Nazzjonali, Arkivji 269, ff 110-115.
2 Bejn l-1755-63 kien hawn biża' li t-Torok kienu se jattakkaw lil Malta u ntgħażlu uffiċjali għar-riġmenti. Għar-riġment ta' Ħal Luqa nsibu li l-kurunell , it-tenent u t-tmien kaptani kienu kollha kavallieri. AOM 271.
3 AOM 1036, f. 397.
4 AOM 1046 f. 4
5 AOM 1046 f. 186.
6 Fil-Gudja n-nies kellhom iħallsu l-kera tad-dar fejn kien joqgħod il-kavallier assenjat għal dan ir-raħal. Insibu petizzjoni biex jitneħħa dan il-piż fl-1642.
7 Librerija Nazzjonali, Arkivji 269, f. 124.
8 Librerija Nazzjonali, Arkivji 546.

